# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008
## Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

### 1 Il-Bilingwiżmu f'Malta – Charles Briffa

**L-istorja tixhed li lingwistikament Malta dejjem aġġornat ruħha mal-ħtiġijiet ta' l-Ewropa u tal-Mediterran. Fit-tgerbiba tal-ġrajja ta' Malta jidher li minn dejjem kien hawn xi element barrani jaħdem fuq il-lingwa materna tal-Maltin. L-istruttura bażika hija Semitika, imma l-lingwa tul il-perjodi differenti kollha ħalliet jidħlu bosta żidiet non-Semitiċi meħtieġa għall-komunikazzjoni sempliċi - żidiet li kkontribwew għall-wirt lingwistiku tal-Maltin.**

**Dawn iż-żidiet donnhom jindikaw li fost missirijietna wkoll kien hawn element ta' bilingwiżmu. Anzi nasal ngħid li l-bilingwiżmu f'Malta kien minn żmien żemżem għodda qawwija fl-iżvilupp politiko-soċjali tan-nazzjon. Mid-dokumenti uffiċjali maħżuna fil-bibljoteka u mid-diversi riċerki li saru sa issa, nintebħu li minn dejjem kien hawn lingwa uffiċjali li l-ħakkiema ħaddmu fl-amministrazzjoni tal-gżejjer u magħha kien hawn il-lingwa tal-poplu, mitkellma u ftit li xejn mitkuba.**

**Punti Ewlenin** ***(Gwida)***

- Il-lingwa Maltija dejjem kellha rabta ma' l-Ewropa u l-Mediterran.
- L-element Semitiku bażiku jieħu żidiet minn lingwi oħra li jkabbru l-wirt lingwistiku.
- Il-bilingwiżmu f'Malta huwa fenomenu antik ħafna.
- Kien ikun hawn lingwa uffiċjali tal-ħakkiema u l-lingwa tal-poplu.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

### 2 Raħal fi Gwerra – Joseph Micallef

**Ħal Luqa dak iż-żmien kien jgħodd ma' l-4,500 ruħ. Il-biċċa l-kbira ta' l-irġiel tax-xogħol kienu jaħdmu fil-ġebla, fil-biedja jew fit-tarzna. Raħal kwiet, b'toroq dojoq, tnejn jew tlieta minnhom bilkemm wiesgħa biżżejjed biex jgħaddi minnhom karrettun. Barra mill-misraħ u xi żewġ toroq ewlenin li kienu asfaltati. It-toroq l-oħra tar-raħal kienu miksija b'wiċċ ta' xaħx imballat. Bini mtella' kif ġie ġie. Fanali tal-pitrolju mwaħħlin mal-ħajt kienu jiksru d-dalma tal-lejl.**

**Li ma kienx għall-mitjar qrib, Ħal Luqa kien jitqies bħala wieħed mill-irħula qodma ta' Malta, xejn aktar u xejn anqas. Kien minħabba dan il-mitjar li fit-tliet snin mill-bidu tal-Gwerra, Ħal Luqa kien f'ilsien kulħadd bħala wieħed mill-postijiet l-iżjed ibbumbardjati tal-gżira.**

**Punti Ewlenin** ***(Gwida)***

- Il-popolazzjoni ta' Ħal Luqa fl-1940.
- L-istat ta' dak ir-raħal.
- Il-qrubija lejn il-mitjar tagħmlu wieħed mill-aktar postijiet ibbumbardjati.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 3 X'Tista' ssib fit-toroq tas-Somalja – Emma Camilleri CFCJ

**Inzerta li f'Ħola kienet se ssir il-festa tat-tberik tal-knisja l-ġdida u l-komunitajiet tad-djoċesi kienu mistednin. Kellna nitilqu l-Ġimgħa filgħodu bil-vann tagħna sa nofs triq, u hemm insibu lis-sorijiet ta' Ħola jistennewna biex immorru magħhom in-nofs l-ieħor.**

**Dik il-lejla ta' qabel tlaqna, kienu attakkaw karozza tal-linja u għax ma waqfitx fil-pront meta għamlulha s-sinjal, biex tieqaf sparaw tir u laqtulha t-tank ta' l-ilma u xorta baqgħet sejra sakemm ħarġilha l-ilma kollu u kellha tieqaf. Ix-xufier ma riedx li l-passiġġieri tiegħu jiġu misruqa u rriskja u baqa' sejjer. Irnexxielu. Meta waqaf, il-passiġġieri niżlu kollha u kulħadd ħaseb għal rasu.**

**Din l-istorja qaluhielna żewġ familji dik il-lejla stess li kien ġara l-inċident u li huma stess kienu rekbin f'dik il-karozza tal-linja, u wara waslu fejn kellhom jaslu fi trakk.**

**Punti Ewlenin** ***(Gwida)***

- Fejn kellhom imorru u kif kellhom jivvjaġġaw is-sorijiet.
- L-attakk fuq il-karozza tal-linja u x'għamel ix-xufier.
- Min qal din l-istorja lis-sorijiet.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

**(Karta ta' l-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**4** **Il-Kappella ta' Birmiftuħ – George A. Said Zammit**

**Mingħajr dubju, waħda mill-isbaħ knejjes tal-Medjuevu tardiv ta' Malta hija dik ta' Birmiftuħ, ħdejn il-Gudja, li aktarx tmur lura għas-seklu ħmistax. Il-knisja għandha tul ta' tnax-il metru u wisa' ta' madwar tmien metri. Il-faċċata tagħha hija sempliċi, iżda ż-żewġ bibien tagħha huma mżejna bi gwarniċ ta' stil Gotiku biex jagħti lill-knisja sens ta' nobbiltà u eleganza. Il-kampnar jinsab eżattament fuq il-bieb prinċipali.**

**L-indikazzjonijiet kollha juru li din il-knisja għaddiet minn diversi fażijiet ta' rikostruzzjoni, u fil-fatt fis-seklu sittax din il-knisja kienu żidulha żewġ kappelli oħra li llum għad fadal biss il-pedament tagħhom.**

**Fuq il-ħajt tan-naħa tal-Lvant wieħed għadu jista' jara fuq ġebla x-xbieha ta' raġel fuq iż-żiemel, li hi aktarx tas-seklu ħmistax ukoll. Fuq il-ħajt tal-bieb ta' barra, min-naħa ta' ġewwa, ġew identifikati l-fdalijiet ta' dak li aktarx kien affresk wieħed, databbli għall-aħħar tas-seklu sittax.**

**Punti Ewlenin** ***(Gwida)***

- Deskrizzjoni tal-kappella Medjevali ta' Birmiftuħ.
- Bidliet u żidiet fil-kappella.
- Xi dekorazzjonijiet li fiha.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

**(Karta ta' l-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 5 Waqt Vjaġġ bil-Ferrovija – R+M2000 lilħbiebna

**Konna tnejn fl-istess vagun tal-ferrovija li kienet qed teħodna Ruma. Dik il-ġurnata inzertat kesħa kbira u x-xita donnha ma riditx tieqaf. Mit-twieqi wieħed seta' jara s-sema mudlam u griż, u n-nies kollha fl-istazzjonjiet imgeżwrin fil-kowtijiet biex jipproteġu lilhom infushom mill-burraxka li kienet qed taħkem fuq il-pajjiż.**

**Madankollu fil-vagun it-temperatura kienet sħuna u komda. Mhux ta' b'xejn li ftit wara li kont irkibt, waqgħet fuqi ħedla kbira u ħadt nagħsa ħelwa li ma ngħidlekx.**

**Il-passiġġier tal-faċċata tiegħi, mill-banda l-oħra, ma kellux kwiet. Kull darba li t-tren kien jieqaf f'xi stazzjon kien iqum jiġri, jittawwal mit-tieqa u jaqra b'leħen għoli l-isem tal-post fejn konna nkunu qegħdin. Imbagħad kien jieħu nifs 'il ġewwa u b'ħarsa fuq wiċċu li kienet taqsamlek qalbek, kien jerġa' jmur ipoġġi f'postu.**

**Punti Ewlenin** ***(Gwida)***

- It-temp waqt il-vjaġġ bil-ferrovija.
- Il-vagun kien komdu u raqad.
- X'kien jagħmel il-passiġġier l-ieħor.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

**(Karta ta' l-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**6** **Maltin, Art u Lingwa – Stanley Fiorini**

**L-art kienet il-ġid ewlieni tal-Maltin, l-aktar tal-bdiewa, li kienu l-maġġoranza. Il-possediment ta' artijiet fil-gżejjer Maltin mexa fuq passi ferm differenti minn dawk fi Sqallija.**

**Il-ħakkiema Normanni u aktar u aktar il-Ħoħenstaufen li ġew warajhom, wara li eliminaw il-popolazzjoni Għarbija li rreżistiethom u eżiljawha f'Luċera, ħatfu l-art kollha u tawha b'fewdu lill-barunijiet tagħhom li mbagħad qabbluha kif riedu lill-bdiewa ż-żgħar li daħlu fi Sqallija mill-kontinent u li allura qatt ma ppossedew artijiet fi Sqallija.**

**Mhux hekk f'Malta. Billi l-gżira żgħira u r-reżistenza armata ma kienet tagħmel ebda sens, l-Għarab ta' hawn baqgħu sottomessi għan-Normanni u l-ħakkiema li ġew warajhom u addattaw ruħhom hekk li, għajr dawk li baqgħu stinatament marbuta ma' l-Islam, ħadd minnhom ma kien ġie eżiljat. Li kien xort'oħra, kieku ma konniex nitkellmu bil-Malti.**

**Punti Ewlenin** ***(Gwida)***

- Malta u Sqallija kienu differenti f'dak li hu possediment ta' art.
- X'għamlu n-Normanni u l-Ħoħenstaufen fi Sqallija.
- X'kien ġara f'Malta u għaliex nitkellmu bil-Malti.

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008
## Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Taħdita**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

***Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop.***

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

**IL-KULTURA: ASPETTI FOLKLORISTIĊI**

- X'inhu għalik il-folklor, b'mod ġenerali, u semmi eżempji ta' aspetti folkloristiċi Maltin.
- Fi żmienna llum għad hawn aspetti folkloristiċi li għadhom ħajjin f'pajjiżna?

**J E W**

**IL-KULTURA: ASPETTI TA' ŻMIENNA**

- Meta tisma' l-kelmiet Kultura Maltija, x'tifhem bihom illum?
- Mit-tiftix li għamuilt tara differenzi bejn il-mod ta' ħajja tal-Maltin ta' llum u dik ta' xi żmien ilu? Agħti eżempji mill-ħajja tax-xogħol, mid-djar fejn jgħixu, minn kif jilbsu jew xi oħrajn?
- Jekk inti dilettant tal-mużika, arti jew inkella sport, tkellem fuq xi ħaġa minn dawn f'Malta ta' żmienna? Jekk trid qabbel ma' dak li studjajt jew qrajt dwar dawn l-oqsma fl-imgħoddi.

**J E W**

**LINGWA: ASPETTI STORIĊI U TA' ŻMIENNA**

- Agħti tagħrif dwar kif ifforma ruħu l-ilsien Malti li nitkellmu fi żmienna.
- X'influwenzi jista' jkun hemm fuq il-lingwa Maltija mill-mezzi ta' komunikazzjoni ta' żmienna u minn dawk in-nies li jidhru, jinstemgħu jew jiktbu fuqhom? Għid għaliex.
- Id-dħul ta' kliem ġdid fil-Malti minħabba xejriet ġodda ta' ħajja bħat-teknoloġija jew l-isport, huwa meħtieġ jew ngħaddu mingħajru? Agħti eżempji.
- Taħseb li fi żmienna, il-Maltin jistgħu jgħaddu bla ma jkunu jafu xi lingwa oħra? Agħti argumenti għall-opinjoni tiegħek.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**<u>Il-Ħames Klassi</u>** **<u>MALTI</u>** **<u>L-Oral - Qari</u>**

## (Karta ta' l-istudenti)

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb.</u>)**

## 1 Il-Bilingwiżmu f'Malta – Charles Briffa

**L-istorja tixhed li lingwistikament Malta dejjem aġġornat ruħha mal-ħtiġijiet ta' l-Ewropa u tal-Mediterran. Fit-tgerbiba tal-ġrajja ta' Malta jidher li minn dejjem kien hawn xi element barrani jaħdem fuq il-lingwa materna tal-Maltin. L-istruttura bażika hija Semitika, imma l-lingwa tul il-perjodi differenti kollha ħalliet jidħlu bosta żidiet non-Semitiċi meħtieġa għall-komunikazzjoni sempliċi - żidiet li kkontribwew għall-wirt lingwistiku tal-Maltin.**

**Dawn iż-żidiet donnhom jindikaw li fost missirijietna wkoll kien hawn element ta' bilingwiżmu. Anzi nasal ngħid li l-bilingwiżmu f'Malta kien minn żmien żemżem għodda qawwija fl-iżvilupp politiko-soċjali tan-nazzjon. Mid-dokumenti uffiċjali maħżuna fil-bibljoteka u mid-diversi riċerki li saru sa issa, nintebħu li minn dejjem kien hawn lingwa uffiċjali li l-ħakkiema ħaddmu fl-amministrazzjoni tal-gżejjer u magħha kien hawn il-lingwa tal-poplu, mitkellma u ftit li xejn mitkuba.**

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

| **Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari** |
|---|---|---|

## (Karta ta' l-istudenti)

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**2**

### Raħal fi Gwerra – Joseph Micallef

**Ħal Luqa dak iż-żmien kien jgħodd ma' l-4,500 ruħ. Il-biċċa l-kbira ta' l-irġiel tax-xogħol kienu jaħdmu fil-ġebla, fil-biedja jew fit-tarzna. Raħal kwiet, b'toroq dojoq, tnejn jew tlieta minnhom bilkemm wiesgħa biżżejjed biex jgħaddi minnhom karrettun. Barra mill-misraħ u xi żewġ toroq ewlenin li kienu asfaltati. It-toroq l-oħra tar-raħal kienu miksija b'wiċċ ta' xaħx imballat. Bini mtella' kif ġie ġie. Fanali tal-pitrolju mwaħħlin mal-ħajt kienu jiksru d-dalma tal-lejl.**

**Li ma kienx għall-mitjar qrib, Ħal Luqa kien jitqies bħala wieħed mill-irħula qodma ta' Malta, xejn aktar u xejn anqas. Kien minħabba dan il-mitjar li fit-tliet snin mill-bidu tal-Gwerra, Ħal Luqa kien f'ilsien kulħadd bħala wieħed mill-postijiet l-iżjed ibbumbardjati tal-gżira.**

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**<u>Il-Ħames Klassi</u>** **<u>MALTI</u>** **<u>L-Oral - Qari</u>**

**(Karta ta' l-istudenti)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb.</u>)**

## 3 X'Tista' ssib fit-toroq tas-Somalja – Emma Camilleri CFCJ

**Inzerta li f'Ħola kienet se ssir il-festa tat-tberik tal-knisja l-ġdida u l-komunitajiet tad-djoċesi kienu mistednin. Kellna nitilqu l-Ġimgħa filgħodu bil-vann tagħna sa nofs triq, u hemm insibu lis-sorijiet ta' Ħola jistennewna biex immorru magħhom in-nofs l-ieħor.**

**Dik il-lejla ta' qabel tlaqna, kienu attakkaw karozza tal-linja u għax ma waqfitx fil-pront meta għamlulha s-sinjal, biex tieqaf sparaw tir u laqtulha t-tank ta' l-ilma u xorta baqgħet sejra sakemm ħarġilha l-ilma kollu u kellha tieqaf. Ix-xufier ma riedx li l-passiġġieri tiegħu jiġu misruqa u rriskja u baqa' sejjer. Irnexxielu. Meta waqaf, il-passiġġieri niżlu kollha u kulħadd ħaseb għal rasu.**

**Din l-istorja qaluhielna żewġ familji dik il-lejla stess li kien ġara l-inċident u li huma stess kienu rekbin f'dik il-karozza tal-linja, u wara waslu fejn kellhom jaslu fi trakk.**

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

| Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral - Qari |
|---|---|---|

## (Karta ta' l-istudenti)

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 4 Il-Kappella ta' Birmiftuħ – George A. Said Zammit

**Mingħajr dubju, waħda mill-isbaħ knejjes tal-Medjuevu tardiv ta' Malta hija dik ta' Birmiftuħ, ħdejn il-Gudja, li aktarx tmur lura għas-seklu ħmistax. Il-knisja għandha tul ta' tnax-il metru u wisa' ta' madwar tmien metri. Il-faċċata tagħha hija sempliċi, iżda ż-żewġ bibien tagħha huma mżejna bi gwarniċ ta' stil Gotiku biex jagħti lill-knisja sens ta' nobbiltà u eleganza. Il-kampnar jinsab eżattament fuq il-bieb prinċipali.**

**L-indikazzjonijiet kollha juru li din il-knisja għaddiet minn diversi fażijiet ta' rikostruzzjoni, u fil-fatt fis-seklu sittax din il-knisja kienu żidulha żewġ kappelli oħra li llum għad fadal biss il-pedament tagħhom.**

**Fuq il-ħajt tan-naħa tal-Lvant wieħed għadu jista' jara fuq ġebla x-xbieha ta' raġel fuq iż-żiemel, li hi aktarx tas-seklu ħmistax ukoll. Fuq il-ħajt tal-bieb ta' barra, min-naħa ta' ġewwa, ġew identifikati l-fdalijiet ta' dak li aktarx kien affresk wieħed, databbli għall-aħħar tas-seklu sittax.**

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

| Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral - Qari |
|---|---|---|

## (Karta ta' l-istudenti)

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb.</u>)**

## 5 Waqt Vjaġġ bil-Ferrovija – R+M2000 lilħbiebna

**Konna tnejn fl-istess vagun tal-ferrovija li kienet qed teħodna Ruma. Dik il-ġurnata inzertat kesħa kbira u x-xita donnha ma riditx tieqaf. Mit-twieqi wieħed seta' jara s-sema mudlam u griż, u n-nies kollha fl-istazzjonjiet imgeżwrin fil-kowtijiet biex jipproteġu lilhom infushom mill-burraxka li kienet qed taħkem fuq il-pajjiż.**

**Madankollu fil-vagun it-temperatura kienet sħuna u komda. Mhux ta' b'xejn li ftit wara li kont irkibt, waqgħet fuqi ħedla kbira u ħadt nagħsa ħelwa li ma ngħidlekx.**

**Il-passiġġier tal-faċċata tiegħi, mill-banda l-oħra, ma kellux kwiet. Kull darba li t-tren kien jieqaf f'xi stazzjon kien iqum jiġri, jittawwal mit-tieqa u jaqra b'leħen għoli l-isem tal-post fejn konna nkunu qegħdin. Imbagħad kien jieħu nifs 'il ġewwa u b'ħarsa fuq wiċċu li kienet taqsamlek qalbek, kien jerġa' jmur ipoġġi f'postu.**

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008
## Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-istudenti)

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**6** **Maltin, Art u Lingwa – Stanley Fiorini**

**L-art kienet il-ġid ewlieni tal-Maltin, l-aktar tal-bdiewa, li kienu l-maġġoranza. Il-possediment ta' artijiet fil-gżejjer Maltin mexa fuq passi ferm differenti minn dawk fi Sqallija.**

**Il-ħakkiema Normanni u aktar u aktar il-Ħoħenstaufen li ġew warajhom, wara li eliminaw il-popolazzjoni Għarbija li rreżistiethom u eżiljawha f'Luċera, ħatfu l-art kollha u tawha b'fewdu lill-barunijiet tagħhom li mbagħad qabbluha kif riedu lill-bdiewa ż-żgħar li daħlu fi Sqallija mill-kontinent u li allura qatt ma ppossedew artijiet fi Sqallija.**

**Mhux hekk f'Malta. Billi l-gżira żgħira u r-reżistenza armata ma kienet tagħmel ebda sens, l-Għarab ta' hawn baqgħu sottomessi għan-Normanni u l-ħakkiema li ġew warajhom u addattaw ruħhom hekk li, għajr dawk li baqgħu stinatament marbuta ma' l-Islam, ħadd minnhom ma kien ġie eżiljat. Li kien xort'oħra, kieku ma konniex nitkellmu bil-Malti.**